Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,285, 16 ta'Lulju, 2024

Taqsima B

A.L. 159 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottbru 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Fakultà għandu jkollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin:

(a) grad ta' Master ta' din jew ta' università oħra f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin: l-Accountancy, il-Banking, l-Ekonomija, il-Finanzi, l-Insurance, il-Management, il-Marketing, il-Public Policy, it-Turiżmu jew f'qasam ta' studju relatat kif approvat mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat; jew

(b) il-grad ta' Master of Business Administration ta' din jew ta' università oħra miksub tal-anqas b'Mertu, diment li l-Bord jista' jikkunsidra applikazzjonijiet minn applikanti li jiksbu l-klassifika ta' Għadda li jkollhom ukoll esperjenza jew tagħrif li, fl-opinjoni tal-Bord, jgħinhom biex jsegwu studji għad-dottorat b'suċċess; jew

(ċ) grad ta' Baċċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima ta' Fuq), ta' din jew ta' università oħra fl-oqsma tal-Accountancy, il-Banking, l-Ekonomija, il-Finanzi, l-Insurance, il-Management, il-Marketing, il-Public Policy, it-Turiżmu jew f'qasam ta' studju relatat kif approvat mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat,

diment li fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) ta' dan l-ordinament, il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat:

(i) jaċċerta ruħu li l-applikant għandu preparazzjoni b'saħħitha fl-oqsma ta' studju relatati mal-qasam ta' riċerka propost; u

(ii) jissottometti rakkomandazzjoni lill-Bord b'motivazzjoni ċara biex l-applikant jiġi aċċettat għall-konsiderazzjoni aktar 'il quddiem mill-Kumitat Akkademiku għad-Dottorat u mis-Senat.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

4. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom, u/jew li jwettqu xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord b'mod sodisfaċenti, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

5. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

6. L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippublikati bħala Avviż Legali 209 tal-2010, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.

7. L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura, ippublikati bħala Avviż Legali 400 tal-2012, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.